Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/983

tal-24 ta' Ġunju 2015

dwar il-proċedura għall-ħruġ ta' Karta Professjonali Ewropea, u l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' twissija skont id- Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 159, 25.6.2015, p. 27)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1190 tal-11 ta' Awwissu 2020	L 262	4	12.8.2020

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/983

tal-24 ta' Ġunju 2015

dwar il-proċedura għall-ħruġ ta' Karta Professjonali Ewropea, u l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' twissija skont id- Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

KAPITOLU I

IS-SUĠĠETT U L-PROĊEDURA GĦALL-ĦRUĠ TAL-KPE

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli dwar il-proċedura għall-ħruġ ta' Karta Professjonali Ewropea (KPE) skont l-Artikoli 4a sa 4e tad-Direttiva 2005/36/KE għall-professjonijiet elenkati fl-Anness I għal dan ir-Regolament, u dwar l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' twissija previst fl-Artikolu 56a ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

L-awtoritajiet kompetenti involuti fil-proċedura tal-KPE

1. Kull Stat Membru jaħtar l-awtoritajiet kompetenti responsabbli mill-applikazzjonijiet għall-KPE għal kull professjoni msemmija fl-Anness I fit-territorju kollu tagħhom jew, partijiet minnu skont il-każ.

Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 7, kull Stat Membru għandu jassenja lil xi awtoritajiet kompetenti jew aktar l-inkarigu tal-allokazzjoni tal-applikazzjonijiet tal-KPE lill-awtorità kompetenti rilevanti fit-territorju tiegħu.

2. L-Istati Membri jirreġistraw, fis-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1024/2012, mill-inqas awtorità kompetenti waħda għal kull professjoni msemmija fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, u mill-anqas awtorità kompetenti waħda li għandha l-kompitu li talloka l-applikazzjonijiet għall-KPE fit-territorju tagħhom sat-18 ta' Jannar 2016.

3. L-istess awtorità kompetenti tista' tinħatar bħala l-awtorità kompetenti responsabbli għall-applikazzjonijiet għall-KPE u bħala l-awtorità kompetenti li ngħatalha l-kompitu li talloka l-applikazzjonijiet għall-KPE.

Artikolu 3

Is-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għall-KPE onlajn

1. Applikant joħloq kont personali kopert bl-għodda onlajn imsemmija fl-Artikolu 4b(1) tad-Direttiva 2005/36/KE għas-sottomissjoni onlajn ta' applikazzjoni għall-KPE. Din l-għodda onlajn tipprovdi informazzjoni dwar il-finijiet, l-ambitu u n-natura tal-ipproċessar tad-dejta, inkluża informazzjoni dwar id-drittijiet tal-applikanti bħala suġġetti tad-dejta. Din l-għodda onlajn titlob il-kunsens espliċitu tal-applikanti dwar l-ipproċessar tad-dejta personali tagħhom fl-IMI.

▼B

2. L-għodda onlajn imsemmija fl-Artikolu 4b(1) tad-Direttiva 2005/36/KE tipprevedi l-possibbiltà li l-applikant jimla l-informazzjoni kollha meħtieġa relatata mal-applikazzjoni għall-KPE msemmija fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament, li jtella' l-kopji tad-dokumenti meħtieġa għall-ħruġ tal-KPE skont l-Artikolu 10(1) ta' dan ir-Regolament, u li jirċievi kwalunkwe informazzjoni dwar il-progress fl-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-KPE tiegħu onlajn, inklużi l-pagamenti li jridu jsiru.

3. L-għodda onlajn tagħti wkoll il-possibbiltà lill-applikant li jissottometti kull informazzjoni jew dokument addizzjonali, u li jitlob ir-rettifika, it-tħassir jew l-imblukkar tad-dejta personali tiegħu li tkun onlajn fil-fajl tal-IMI.

Artikolu 4

L-informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata mal-applikazzjonijiet għall-KPE

L-applikanti jagħtu din l-informazzjoni li ġejja fl-applikazzjoni għall-KPE:

(a) l-identità tal-applikant;

(b) il-professjoni kkonċernata;

(c) l-Istat Membru fejn l-applikant biħsiebu jistabbilixxi ruħu jew l-Istat Membru fejn l-applikant biħsiebu jipprovdi servizzi fuq bażi temporanja jew okkażjonali;

(d) l-Istat Membru li fih l-applikant huwa stabbilit legalment sabiex iwettaq l-attivitajiet ikkonċernati fil-mument tal-applikazzjoni;

(e) il-finijiet tal-attività professjonali prevista:

  (i) l-istabbiliment;

  (ii) l-għoti ta' servizzi fuq bażi temporanja u okkażjonali;

(f) l-għażla ta' waħda minn dawn is-sistemi:

  (i) fil-każ ta' stabbiliment, għażla ta' wieħed minn dawn ir-reġimi:

    — ir-rikonoxximent awtomatiku skont il-Kapitolu III tat-Titolu III tad-Direttiva 2005/36/KE;

    — is-sistema ġenerali ta' rikonoxximent skont il-Kapitolu I tat-Titolu III tad-Direttiva 2005/36/KE;

  (ii) fil-każ tal-għoti ta' servizzi fuq bażi temporanja u okkażjonali, l-għażla ta' wieħed mir-reġimi:

    — l-għoti b'xejn ta' servizzi bil-verifika minn qabel tal-kwalifiki skont l-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2005/36/KE;

    — l-għoti b'xejn ta' servizzi mingħajr il-verifika preliminari tal-kwalifiki skont l-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2005/36/KE;

(g) informazzjoni oħra speċifika dwar is-sistema li hemm referenza għaliha fil-punt (f).

▼B

Għall-finijiet tal-punt (d) tal-ewwel subparagrafu, jekk l-applikant ma jkunx stabbilit legalment fil-mument tal-applikazzjoni, huwa jindika l-Istat Membru minn fejn kiseb il-kwalifika professjonali meħtieġa. Jekk ikun hemm aktar minn Stat Membru wieħed minn fejn l-applikant ikun kiseb il-kwalifiki professjonali tiegħu, huwa jagħżel l-Istat Membru li għandu jirċievi l-applikazzjoni għall-KPE tiegħu minn fost l-Istati Membri li ħarġu kwalifika.

Għall-finijiet tal-punt (f) tal-ewwel subparagrafu, jekk l-applikant ma jkunx indika r-reġim it-tajjeb, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju, fi żmien ġimgħa minn meta tirċievi l-applikazzjoni għall-KPE, tinforma lill-applikant sabiex jerġa' jissottometti applikazzjoni skont is-sistema applikabbli. Skont il-każ, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju l-ewwel tikkonsulta lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti.

Artikolu 5

Id-dejta fl-applikazzjonijiet għall-KPE

Id-dejta marbuta mal-identifikazzjoni tal-applikant u d-dokumenti msemmija fl-Artikolu 10(1) jinħażnu fil-fajl tal-IMI tal-applikant. Din id-dejta tkun tista' terġa' tintuża għal applikazzjonijiet sussegwenti dejjem jekk l-applikant jaqbel għal dan l-użu mill-ġdid u jekk id-dejta tkun għadha valida.

Artikolu 6

It-trasferiment ta' applikazzjonijiet għall-KPE lill-awtorità kompetenti rilevanti tal-Istat Membru tad-domiċilju

1. L-għodda onlajn imsemmija fl-Artikolu 4b(1) tad-Direttiva 2005/36/KE tittrasferixxi l-applikazzjoni għall-KPE ppreżentata fl-IMI b'mod sigur, sabiex tiġi ttrattata mill-awtorità kompetenti rilevanti fl-Istat Membru tad-domiċilju msemmija fil-paragrau 2 jew 3 ta' dan l-Artikolu.

2. Jekk l-applikant huwa stabbilit legalment fi Stat Membru fiż-żmien l-applikazzjoni, l-IMI tittrasferixxi l-applikazzjoni għall-KPE għand l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn l-applikant huwa stabbilit legalment.

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tivverifika jekk l-applikant huwiex stabbilit legalment f'dan l-Istat Membru u tiċċertifika l-fatt ta' stabbiliment legali fil-fajl tal-IMI. Hija ttella' wkoll kwalunkwe prova rilevanti ta' stabbiliment legali tal-applikant jew iżżid referenza għar-reġistru nazzjonali rilevanti.

Meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju ma tkunx f'qagħda li tikkonferma li l-applikant huwa stabbilit legalment fit-territorju tagħha bi kwalunkwe mezz ieħor, tista' titlob lill-applikant il-prova tal-istabbiliment legali tiegħu fi żmien ġimgħa minn mindu tirċievi l-applikazzjoni għall-KPE msemmija fl-Artikolu 4b(3) tad-Direttiva 2005/36/KE. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tista' tqis dawn id-dokumenti bħala dokumenti neqsin skont l-Artikoli 4b(3) u 4c(1) jew 4d(1) tad-Direttiva 2005/36/KE.

▼B

3. Fil-każijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament, l-IMI tittrasferixxi l-applikazzjoni għall-KPE lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun ħareġ prova tal-kwalifiki professjonali meħtieġa.

4. L-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri oħra li ħarġu prova tal-kwalifiki professjonali jikkooperaw u jwieġbu għal kull talba ta' informazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju jew mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti waqt il-proċedura tal-KPE fir-rigward tal-applikazzjoni għall-KPE.

Artikolu 7

Ir-rwol tal-awtoritajiet kompetenti li jallokaw l-applikazzjonijiet għall-KPE

1. F'każijiet fejn Stat Membru jaħtar aktar minn awtorità kompetenti waħda responsabbli mill-applikazzjonijiet għall-KPE għal professjoni speċifika fit-territorju tiegħu jew f'partijiet minnu, awtorità kompetenti li ngħatalha l-kompitu li talloka l-applikazzjonijiet għall-KPE tiżgura li l-applikazzjoni tintbagħat mingħajr dewmien żejjed lill-awtorità kompetenti rilevanti fit-territorju tal-Istat Membru.

2. Jekk l-applikant ikun issottometta applikazzjoni fi Stat Membru ieħor li mhux l-Istat Membru tad-domiċilju tiegħu kif previst fl-Artikolu 6(2) jew 6(3), l-awtorità kompetenti li ngħatalha l-kompitu li talloka l-applikazzjonijiet għall-KPE fl-Istat Membru li jkun irċieva l-applikazzjoni tista' tirrifjuta li tittratta l-applikazzjoni fi żmien ġimgħa minn meta tkun irċeviet l-applikazzjoni għall-KPE u tavża lill-applikant kif xieraq.

Artikolu 8

L-ipproċessar ta' applikazzjonijiet bil-miktub lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju

1. Jekk Stat Membru jkun jippermetti l-prezentazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-KPE bil-miktub, u hekk kif jirċievi applikazzjoni bil-miktub ta' dan it-tip jiddetermina li mhuwiex intitolat jittrattaha skont l-Artikoli 6(2) jew (3), jista' jirrifjuta li jeżamina l-applikazzjoni u jinforma lill-applikant b'dan fi żmien ġimgħa minn meta jirċievi l-applikazzjoni.

2. F'każ ta' applikazzjonijiet għall-KPE bil-miktub, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju timla l-applikazzjoni għall-KPE bl-għodda onlajn imsemmija fl-Artikolu 4b(1) tad-Direttiva 2005/36/KE f'isem l-applikant abbażi tal-applikazzjoni għall-KPE bil-miktub ippreżentata mill-applikant.

3. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tibgħat aġġornamenti lill-applikant dwar l-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-KPE bil-miktub, inkluża kull tfakkira skont l-Artikolu 4e(5) tad-Direttiva 2005/36/KE, jew kull informazzjoni rilevanti oħra li mhix fl-IMI skont il-proċeduri amministrattivi nazzjonali. Hija tibgħat mingħajr dewmien il-prova tal-eżitu tal-proċedura tal-KPE msemmija fl-Artikolu 21 ta' dan ir-Regolament lill-applikant, wara l-għeluq tal-proċedura tal-KPE.

▼B

Artikolu 9

Il-proċeduri li jikkonċernaw il-pagamenti

1. Jekk l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tad-domiċilju timponi tariffi għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-KPE, hija għandha tinforma lill-applikant permezz tal-għodda onlajn msemmija fl-Artikolu 4b(1) tad-Direttiva 2005/36/KE fi żmien ġimgħa minn meta tirċievi l-applikazzjoni għall-KPE, dwar l-ammont li għandu jitħallas, kif isir il-pagament, kwalunkwe referenza li għandha tissemma, il-prova meħtieġa tal-pagament, u tistabbilixxi limitu taż-żmien raġonevoli għall-pagament.

2. Jekk l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti timponi tariffi għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-KPE, hija għandha tagħti l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu lill-applikant permezz tal-għodda onlajn msemmija fl-Artikolu 4b(1) tad-Direttiva 2005/36/KE hekk kif l-applikazzjoni għall-KPE tkun ġiet trażmessa lilha mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju, u tistabbilixxi limitu taż-żmien raġonevoli għall-pagament.

Artikolu 10

Id-dokumenti meħtieġa għall-ħruġ tal-KPE

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jeħtieġu biss id-dokumenti li ġejjin għall-ħruġ tal-KPE għal stabbiliment:

(a) f'każ ta' rikonoxximent awtomatiku previst fil-Kapitolu III tat-Titolu III tad-Direttiva 2005/36/KE, id-dokumenti elenkati fil-punt 1 tal-Parti A tal-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(b) f'każ ta' rikonoxximent, permezz tas-sistema ġenerali, previst fil-Kapitolu I tat-Titolu III tad-Direttiva 2005/36/KE, id-dokumenti elenkati fil-punt 2 tal-Parti A tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru jistgħu jeħtieġu biss id-dokumenti elenkati fil-Parti B tal-Anness II għall-ħruġ ta' KPE għall-għoti temporanju u okkażjonali ta' servizzi.

Id-dokumenti msemmija fil-punti 1(d) u 2(g) tal-Parti A u l-punti (a), (c) u (d) tal-Parti B tal-Anness II jintalbu mingħand l-applikant biss jekk dan ikun meħtieġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti.

2. L-Istati Membri jispeċifikaw id-dokumenti meħtieġa għall-ħruġ tal-KPE u jikkomunikaw din l-informazzjoni lil Stati Membri oħra permezz tal-IMI.

3. Id-dokumenti meħtieġa skont il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu jitqiesu dokumenti nieqsa skont l-Artikolu 4b(3) u 4c(1) jew 4d(1) tad-Direttiva 2005/36/KE.

▼B

Artikolu 11

L-ipproċessar ta' dokumenti maħruġa mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju

1. Meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tkun ġiet maħtura bħala responsabbli, skont il-liġijiet nazzjonali biex toħroġ xi wieħed mid-dokumenti meħtieġa għall-ħruġ ta' KPE skont l-Artikolu 10, hija ttella' direttament dawn id-dokumenti fl-IMI.

2. B'deroga mill-Artikolu 10(3) ta' dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju ma tikkunsidrax id-dokumenti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu bħala dokumenti neqsin skont l-Artikoli 4b(3) u 4c(1) jew 4d(1) tad-Direttiva 2005/36/KE, meta dawn id-dokumenti ma jkunux ittellgħu fl-IMI skont il-paragrafu 1.

3. L-għodda onlajn msemmija fl-Artikolu 4b(1) tad-Direttiva 2005/36/KE tagħti l-possibilità li applikant itella' kopji ta' kull dokument ta' prova meħtieġ maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju.

Artikolu 12

Il-maniġġ ta' dokumenti li ma jinħarġux mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju

1. B'deroga mill-Artikolu 10(3) ta' dan ir-Regolament, jekk l-applikant jonqos milli jipprovdi kwalunkwe dokument imsemmi fil-punti 2(c) u (d) tal-Parti A jew punt (d) ta' Parti B tal-Anness II ta' dan ir-Regolament mal-applikazzjoni għall-KPE, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju ma tqisx dawk id-dokumenti bħala dokumenti neqsin skont l-Artikolu 4b(3) u 4d(1) tad-Direttiva 2005/36/KE.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tista' titlob il-preżentazzjoni tad-dokumenti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu direttament mill-applikant jew mill-Istat Membru tad-domiċilju, skont l-Artikolu 4d(3) tad-Direttiva 2005/36/KE.

3. Jekk l-applikant jonqos milli jipprovdi d-dokumenti msemmija fil-paragrafu 2 wara li jiġi mitlub mill-Istat Membru ospitanti, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tieħu d-deċiżjoni dwar jekk toħroġx KPE abbażi tal-informazzjoni disponibbli.

Artikolu 13

Dokumenti li juru l-għarfien lingwistiku

1. L-għodda onlajn imsemmija fl-Artikolu 4b(1) tad-Direttiva 2005/36/KE tagħti possibbiltà lill-applikant li jippreżenta kull dokument bħala prova ta' għarfien lingwistiku, li tista' tkun meħtieġa mill-Istat Membru ospitanti skont l-Artikolu 53 ta' din id-Direttiva wara l-ħruġ tal-KPE.

2. Il-prova ddokumentata tal-għarfien lingwistiku ma tkunx parti mid-dokumenti meħtieġ għall-ħruġ tal-KPE.

▼B

3. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ospitanti ma tistax tirrifjuta li toħroġ KPE għax ma hemmx il-prova tal-għarfien lingwistiku msemmija fl-Artikolu 53 tad-Direttiva 2005/36/KE.

Artikolu 14

Il-verifika tal-awtentiċità u l-validità tad-dokumenti meħtieġa għall-ħruġ tal-KPE

1. F'każijiet fejn l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tkun ħarġet xi dokument meħtieġ għall-ħruġ tal-KPE skont l-Artikolu 10, tiċċertifika fil-fajl tal-IMI li d-dokument huwa validu u awtentiku.

2. F'każ ta' dubju li jkun iġġustifikat kif dovut, meta d-dokument meħtieġ ikun inħareġ minn korp nazzjonali ieħor tal-Istat Membru tad-domiċilju, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju titlob lill-korp nazzjonali rilevanti biex jikkonferma l-validità u l-awtentiċità tad-dokument. Wara li tirċievi l-konferma, tiċċertifika fl-IMI li d-dokument huwa validu u awtentiku.

3. Jekk dokument ikun inħareġ fi Stat Membru ieħor, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tikkuntattja permezz tal-IMI lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru l-ieħor responsabbli mill-applikazzjonijiet għall-KPE (jew korp nazzjonali rilevanti ieħor ta' Stat Membru ieħor irreġistrat fl-IMI), biex tivverifika l-validità u l-awtentiċità tad-dokument. Wara t-tlestija tal-verifika, tiċċertifika fl-IMI li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru l-ieħor ikkonfermat li d-dokument huwa validu u awtentiku.

Fil-każijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru l-ieħor responsabbli mill-applikazzjonijiet għall-KPE (jew korpi nazzjonali rilevanti oħra ta' Stat Membru ieħor irreġistrat fl-IMI) jikkooperaw u jagħtu tweġiba mingħajr dewmien għal kull talba għall-informazzjoni mingħand l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju.

4. Qabel ma tiċċertifika l-awtentiċità u l-validità tad-dokument maħruġ u mtella' fl-IMI skont l-Artikolu 11(1) ta' dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tiddeskrivi l-kontenut ta' kull dokument fit-taqsimiet prestrutturati tal-IMI. Fejn ikun adegwat, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tiżgura li l-informazzjoni li tiddeskrivi d-dokumenti sottomessi mill-applikant permezz tal-għodda onlajn msemmija fl-Artikolu 4b(1) tad-Direttiva 2005/36/KE hija korretta.

Artikolu 15

Il-kundizzjonijiet biex jintalbu kopji ċċertifikati

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tinforma lill-applikant fil-limiti taż-żmien previsti fl-Artikoli 4c(1) u 4d(1) tad-Direttiva 2005/36/KE dwar il-ħtieġa li tiġi ppreżentata kopja ċċertifikata biss jekk il-korp nazzjonali relevanti fl-Istat Membru tad-domiċilju jew l-awtorità kompetenti jew korp nazzjonali rilevanti fi Stat Membru ieħor naqsu milli jikkonfermaw il-validità u l-awtentiċità ta' dokument meħtieġ skont il-proċeduri ta' verifika stabbiliti fl-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament, u jekk dawn il-kopji ċċertifikati jkunu meħtieġa mill-Istat Membru ospitanti skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

▼B

Fil-każijiet imsemmijin fis-subparagrafu 3 tal-Artikolu 6(2) ta' dan ir-Regolament u f'każ ta' dubji ġustifikati kif dovut, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tista' titlob lill-applikant fil-limiti ta' żmien previsti fl-Artikoli 4c(1) u 4d(1) tad-Direttiva 2005/36/KE biex jippreżenta kopja ċċertifikata tal-prova tal-istabbiliment legali tiegħu.

2. L-Istati Membri jispeċifikaw fl-IMI it-tipi ta' dokumenti li għalihom jeħtieġu kopji ċċertifikati mill-applikant skont il-paragrafu 1, u din l-informazzjoni jikkomunikawha lil Stati Membri oħra permezz tal-IMI.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu jkunu bla ħsara għad-drittijiet tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti li titlob informazzjoni addizzjonali jew is-sottomissjoni ta' kopja ċċertifikata f'każ li jkollha dubju ġġustifikat kif dovut, mingħand l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju skont l-Artikoli 4d (2) u (3) tad-Direttiva 2005/36/KE.

4. F'każ ta' dubji ġġustifikati kif dovut, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tista' titlob lill-applikant biex jippreżenta kopja ċertifikata u tista' tistabbilixxi skadenza raġonevoli għal tweġiba.

Artikolu 16

L-ipproċessar tal-kopji ċċertifikati

1. L-Istati Membri jispeċifikaw fl-IMI it-tipi ta' kopji ċertifikati li huma aċċettabbli fit-territorju tagħhom skont id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji jew amministrattivi ta' dak l-Istat Membru, u permezz tal-IMI jikkomunikaw din l-informazzjoni lil Stati Membri oħra.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jaċċettaw kopji ċċertifikati maħruġa fi Stat Membru ieħor skont id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji jew amministrattivi ta' dak l-Istat Membru.

3. F'każ ta' dubju li jkun iġġustifikat kif dovut dwar il-validità u l-awtentiċità ta' kopja ċċertifikata fi Stat Membru ieħor, l-awtoritajiet kompetenti jindirizzaw talba għal informazzjoni addizzjonali lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti fl-Istat Membru l-ieħor permezz tal-IMI. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra jikkooperaw u jwieġbu bla dewmien żejjed.

4. Hekk kif tirċievi kopja ċċertifikata mill-applikant, l-awtorità kompetenti ttella' l-verżjoni elettronika tad-dokument iċċertifikat fil-fajl tal-IMI u tiċċertifika li kopja hija awtentika.

5. L-applikant jista' jippreżenta lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju l-oriġinal bħala dokument minflok kopja attestata, li mbagħad għandha tiddikjara fil-fajl tal-IMI li l-kopja elettronika tad-dokument oriġinali hija awtentika.

6. Jekk l-applikant jonqos milli jipprovdi kopja ċċertifikata ta' dokument meħtieġ fil-limitu taż-żmien previst fl-Artikolu 4d(1) tad-Direttiva 2005/36/KE, dan m'għandux jissospendi l-limitu ta' żmien għat-trasferiment tal-applikazzjoni għal għand l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti. Id-dokument jiġi mmarkat fl-IMI li l-awtentiċità u l-validità tiegħu għad iridu jiġu kkonfermati meta tasal u tittella' l-kopja ċċertifikata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju.

▼B

7. Jekk l-applikant jonqos milli jipprovdi kopja ċċertifikata ta' dokument meħtieġ fil-limitu taż-żmien previst fl-Artikolu 4c(1) tad-Direttiva 2005/36/KE, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tista' tirrifjuta li toħroġ KPE għall-għoti temporanju jew okkażjonali ta' servizzi ħlief għal dawk koperti mill-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2005/36/KE.

8. F'każ li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti ma tirċevix kopja ċertifikata ta' dokument meħtieġ jew mingħand l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju jew mingħand l-applikant, hija tista' tieħu deċiżjoni abbażi tal-informazzjoni disponibbli fi ħdan il-limiti ta' żmien stipulati f'paragrafi 2 u 3, u t-tieni subparagrafu tal-paragrafu 5 tal-Artikolu 4d tad-Direttiva 2005/36/KE.

Artikolu 17

It-talbiet għal traduzzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju jistgħu jitolbu traduzzjoni ordinarja jew attestata tad-dokumenti ta' sostenn li ġejjin għal applikazzjoni għall-KPE fuq talba speċifika biss tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, skont l-Artikolu 18(1):

(a) prova dwar iċ-ċittadinanza tal-applikant;

(b) prova dwar il-kwalifiki formali msemmija fil-punt 1(b) tal-Parti A tal-Anness II maħruġa fl-Istat Membru tad-domiċilju;

(c) iċ-ċertifikati msemmija fil-punti 1(c) u 2(f) tal-Parti A tal-Anness II maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-applikazzjonijiet għall-KPE jew minn korpi nazzjonali oħra rilevanti tal-Istat Membru tad-domiċilju;

(d) l-attestazzjoni tal-istabbiliment ġuridiku msemmi fil-punt (b) tal-Parti B tal-Anness II u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 6(2) ta' dan ir-Regolament, u d-dokumenti, li jistgħu jkunu meħtieġa skont il-punt 1(d) tal-Anness VII u l-punti (b) u (e) tal-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2005/36/KE, maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti responsabbli mill-applikazzjonijiet għall-KPE jew minn korpi nazzjonali rilevanti oħra tal-Istat Membru tad-domiċilju.

2. Kull Stat Membru jispeċifika fl-IMI d-dokumenti li għalihom l-awtoritajiet kompetenti tiegħu li jaġixxu bħala l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jeħtieġu traduzzjoni ordinarja jew iċċertifikata mingħand l-applikant skont il-paragrafi 3 u 4, u l-lingwi aċċettati, u jikkomunika din l-informazzjoni lil Stati Membri oħra permezz tal-IMI.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju titlob mingħand l-applikant, sal-ewwel ġimgħa minn wara li tirċievi applikazzjoni għall-KPE skont l-Artikoli 4b(3) u 4c(1) jew 4d(1) tad-Direttiva 2005/36/KE, it-traduzzjonijiet tad-dokumenti meħtieġa speċifikati fl-Anness II fil-lingwi aċċettati mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, jekk it-traduzzjoni ta' dawn id-dokumenti tkun meħtieġa mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

▼B

4. Jekk l-applikant ikun ipprovda d-dokumenti msemmija fil-punti 2(c) u (d) tal-Parti A jew il-punt(d) tal-Parti B tal-Anness II mal-applikazzjoni għall-KPE, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju titlob it-traduzzjoni ta' dawn id-dokumenti għal-lingwi aċċettati mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti.

5. Jekk l-applikant jonqos milli jipprovdi xi traduzzjoni tad-dokumenti msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju ma tikkunsidrax dawn it-traduzzjonijiet bħala dokumenti nieqsa skont l-Artikolu 4b(3) u 4d(1) tad-Direttiva 2005/36/KE.

Artikolu 18

It-talbiet għal traduzzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti

1. F'każ ta' dubju li jkun iġġustifikat kif dovut, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tista' titlob informazzjoni addizzjonali, inklużi traduzzjonijiet ordinarji jew iċċertifikati, mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju skont l-Artikoli 4d(2) u (3) tad-Direttiva 2005/36/KE.

2. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tista' wkoll titlob lill-applikant sabiex jissottometti traduzzjonijiet ordinarji jew iċċertifikati u tista' tistabbilixxi skadenza raġonevoli għal tweġiba.

3. F'każ li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti ma tirċeviex it-traduzzjoni mitluba la mingħand l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju u lanqas mill-applikant, tista' tieħu deċiżjoni li tkun ibbażata fuq l-informazzjoni disponibbli skont il-limiti ta' żmien previsti fil-paragrafi 2 u 3 u t-tieni subparagrafu tal-paragrafu 5 tal-Artikolu 4d tad-Direttiva 2005/36/KE.

Artikolu 19

L-ipproċessar tat-traduzzjonijiet iċċertifikati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri

1. Kull Stat Membru jispeċifika fl-IMI liema huma t-traduzzjonijiet iċċertifikati aċċettabbli fit-territorju tiegħu skont id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji jew amministrattivi ta' dak l-Istat Membru, u permezz tal-IMI jikkomunika din l-informazzjoni lil Stati Membri oħra.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jaċċettaw kopji ċċertifikati maħruġa fi Stat Membru ieħor skont id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji jew amministrattivi ta' dak l-Istat Membru.

3. F'każ ta' dubju li jkun iġġustifikat kif dovut dwar il-validità u l-awtentiċità ta' traduzzjoni ċċertifikata fi Stat Membru ieħor, l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tibgħat talba għal aktar informazzjoni lill-awtoritajiet rilevanti fl-Istat Membru l-ieħor permezz tal-IMI. F'każijiet bħal dawn, l-awtoritajiet rilevanti ta' Stati Membri oħra jikkooperaw u jwieġbu mingħajr dewmien.

4. Hekk kif tirċievi traduzzjoni ċċertifikata mill-applikant u suġġett għall-paragrafu 3, l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ttella' kopja elettronika tat-traduzzjoni ċċertifikata fil-fajl tal-IMI u tiċċertifika li t-traduzzjoni hija ċċertifikata.

▼B

5. Qabel ma jintalbu t-traduzzjonijiet iċċertifikati, f'każ ta' dubju dwar xi dokument msemmi fl-Artikolu 17(1) li jkun iġġustifikat kif dovut, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti titlob aktar informazzjoni permezz tal-IMI lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju jew lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra li jkunu ħarġu d-dokument rilevanti.

Artikolu 20

Deċiżjonijiet dwar il-KPE

▼M1

1. Għall-istabbiliment u għall-għoti temporanju u okkażjonali ta' servizzi skont l-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2005/36/KE, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, jew tieħu d-deċiżjoni li toħroġ il-KPE, jew id-deċiżjoni li tirrifjuta li toħroġ il-KPE, jew id-deċiżjoni li tapplika miżuri ta' kumpens skont ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 7(4), jew skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2005/36/KE.

▼B

2. Għall-għoti temporanju u okkażjonali ta' servizzi ħlief dawk koperti mill-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2005/36/KE, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju jew tieħu d-deċiżjoni li toħroġ il-KPE jew id-deċiżjoni li tirrifjuta li toħroġ il-KPE, jew id-deċiżjoni li testendi l-validità tal-KPE maħruġa.

3. F'każijiet fejn awtorità kompetenti tal-Istat Membru tieħu d-deċiżjoni li tapplika miżuri ta' kumpens għall-applikant skont l-Artikolu 14 jew l-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2005/36/KE, din id-deċiżjoni trid tinkludi wkoll informazzjoni dwar il-kontenut tal-miżuri ta' kumpens imposti, il-ġustifikazzjoni għall-miżuri ta' kumpens u kull obbligu li l-applikant għandu biex jinforma lill-awtorità kompetenti meta l-miżuri ta' kumpens jitlestew. L-eżami ta' applikazzjoni għall-KPE jiġi sospiż sakemm jitlestew il-miżuri ta' kumpens mill-applikant.

Wara t-tlestija b'suċċess tal-miżuri ta' kumpens, l-applikant jinforma, permezz tal-għodda onlajn msemmija fl-Artikolu 4b(1) tad-Direttiva 2005/36/KE, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti dwar dan, jekk dan jintalab mill-awtorità.

F'każijiet meta awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tieħu d-deċiżjoni biex tapplika miżuri ta' kumpens skont l-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2005/36/KE, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tiċċertifika fl-IMI jekk hija tatx lill-applikant l-opportunità li jagħmel test tal-aptitudni fi żmien xahar mid-deċiżjoni tagħha li tapplika l-miżuri ta' kumpens

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tikkonferma fl-IMI li l-miżuri ta' kumpens tlestew b'suċċess u toħroġ il-KPE.

4. F'każ li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tieħu d-deċiżjoni li tirrifjuta li toħroġ il-KPE, din id-Deċiżjoni tistipula wkoll il-ġustifikazzjonijiet. L-Istati Membri jiżguraw li jkunu disponibbli rimedji ġudizzjarji xierqa għall-individwu kkonċernat quddiem id-deċiżjoni li ma tinħariġx KPE, u tipprovdi lill-professjonist bl-informazzjoni dwar id-drittijiet għal appell skont il-liġi nazzjonali.

▼B

5. L-IMI tipprovdi l-possibbiltà għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li jieħdu d-deċiżjoni li jirrevokaw KPE li tkun inħarġet f'każijiet iġġustifikati kif dovut. Din id-Deċiżjoni tistipula wkoll il-ġustifikazzjoni għar-revoka. L-Istati Membri jiżguraw li jkunu disponibbli rimedji ġudizzjarji xierqa għall-individwu kkonċernat quddiem id-deċiżjoni li ma tinħariġx KPE, u tipprovdi lill-professjonist bl-informazzjoni dwar id-drittijiet għall-appell skont il-liġi nazzjonali.

Artikolu 21

L-eżitu tal-proċedura għall-KPE

1. L-għodda onlajn msemmija fl-Artikolu 4b(1) tad-Direttiva 2005/36/KE tagħti l-possibilità li applikant joħloq dokument elettroniku li jkun jiddikjara l-eżitu tal-proċedura tal-KPE kif ukoll iniżżel kull evidenza relatata mal-eżitu tal-proċedura tal-KPE.

2. Fejn tinħareġ KPE (inkluż każijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 5 tal-Artikolu 4d tad-Direttiva 2005/36/KE), id-dokument elettroniku jkun fih l-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 4e(4) tad-Direttiva 2005/36/KE u, fil-każ ta' KPE għall-istabbiliment, jkun fih id-dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà li l-KPE ma tikkostitwixxix awtorizzazzjoni sabiex tiġi pprattikata l-professjoni fl-Istat Membru ospitanti.

3. Id-dokument elettroniku jkun jinkludi karatteristiċi ta' sigurtà, sabiex jiġi żgurat dan li ġej:

(a) l-awtenticità tiegħu, li tiggarantixxi li dokument ġie ġġenerat minn awtorità kompetenti rreġistrata u li topera fl-IMI, u li l-kontenut tiegħu huwa rapport ġenwin tad-dejta;

(b) l-integrità tiegħu, ikun iċċertifikat li fajl li fih id-dokument ma ġiex immodifikat jew mibdul minn attur estern sa minn meta nħoloq fis-sistema tal-IMI fit-tali data u ħin.

Artikolu 22

Verifika tal-KPE minn partijiet terzi interessati

1. Il-Kummissjoni Ewropea tipprovdi sistema ta' verifika onlajn li tippermetti lil partijiet terzi interessati oħra li ma għandhomx aċċess għall-IMI biex jivverifikaw onlajn il-validità u l-awtenticità tal-KPE.

2. Fil-każ ta' aġġornamenti tal-fajl tal-IMI dwar id-dritt tad-detentur tal-KPE li jwettaq attivitajiet professjonali skont l-Artikolu 4e(1) tad-Direttiva 2005/36/KE, jintwera messaġġ li jagħti parir lill-partijiet terzi interessati sabiex jikkuntattjaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għal aktar informazzjoni. Il-messaġġ jiġi fformulat b'mod newtrali, filwaqt li tittieħed inkonsiderazzjoni l-ħtieġa li tkun żgurata l-preżunzjoni tal-innoċenza tad-detentur tal-KPE. Fil-każ tal-KPE għall-istabbiliment, jintwera messaġġ b'dikjarazzjoni li l-KPE ma tikkostitwixxix awtorizzazzjoni sabiex tiġi pprattikata l-professjoni fl-Istat Membru ospitanti.

▼B

KAPITOLU II

PROĊEDURI GĦALL-IMMANIĠĠJAR TAT-TWISSIJIET

Artikolu 23

L-awtoritajiet involuti fil-mekkaniżmu ta' twissija

1. L-Istati Membri jaħtru awtoritajiet kompetenti sabiex jittrattaw it-twissijiet li jidħlu u li joħorġu skont l-Artikolu 56a(1) jew (3) tad-Direttiva 2005/36/KE.

2. Sabiex jiġi żgurat li t-twissijiet li jidħlu jiġu ġestiti mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti biss, kull Stat Membru jassenja l-kompitu tal-kordinament tat-twissijiet li jidħlu lil awtorità kompetenti waħda jew aktar. Dawn l-awtoritajiet kompetenti jiżguraw li t-twissijiet jiġu assenjati lill-awtoritajiet kompetenti xierqa mingħajr dewmien bla bżonn.

3. L-Istati Membri jistgħu jassenjaw il-kompitu tal-kordinament tat-twissijiet li joħorġu lil awtorità kompetenti waħda jew aktar.

Artikolu 24

L-informazzjoni misjuba fit-twissijiet

1. It-twissijiet ikollhom l-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 56a(2) jew (3) tad-Direttiva 2005/36/KE.

2. L-awtoritajiet kompetenti maħtura biex jieħdu ħsieb twissija skont l-Artikolu 56a(1) jew (3) tad-Direttiva 2005/36/KE jkollhom aċċess għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. L-awtoritajiet kompetenti assenjati bil-kompitu li jikkoordinaw it-twissijiet li jidħlu jkollhom biss aċċess għad-dejta msemmija fil-punt (b) u (d) tal-Artikolu 56a(2) tad-Direttiva 2005/36/KE, dejjem jekk it-twissija ma tiġix sussegwentement assenjata lilhom bħala awtorità li tiġġestixxi t-twissijiet li jidħlu.

4. Fil-każ li awtorità kompetenti li tiġġestixxi t-twissijiet li jidħlu tkun teħtieġ aktar informazzjoni apparti dik stabbilita fl-Artikolu 56a(2) jew (3) tad-Direttiva 2005/36/KE, din tuża l-funzjonalità tal-IMI għat-talbiet għall-informazzjoini, kif previst fl-Artikolu 56(2a) tad-Direttiva 2005/36/KE.

Artikolu 25

Twissija dwar detentur ta' KPE

1. Skont l-Artikolu 4e(1) tad-Direttiva 2005/36/KE meta d-detentur ta' KPE huwa suġġett għal twissija, l-awtoritajiet kompetenti li ttrattaw l-applikazzjoni għall-KPE skont l-Artikolu 2(1) ta' dan ir-Regolament jiżguraw li l-fajl korrispondenti tal-IMI jiġi aġġornat bl-informazzjoni li tkun tinsab fit-twissija, inkluża kull konsegwenza fuq it-twettiq tal-attivitajiet professjonali.

2. Biex jiġi żgurat li l-aġġornamenti tal-fajls tal-IMI jitwettqu f'waqthom, l-Istati Membri jagħtu aċċess għat-twissijiet li jidħlu lill-awtoritajiet kompetenti responsabbli mill-maniġġ tal-applikazzjonijiet għall-KPE skont l-Artikolu 2(1).

▼B

3. Id-detentur ta' KPE jiġi infurmat dwar l-aġġornament msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu permezz tal-għodda onlajn msemmija fl-Artikolu 4b(1) tad-Direttiva 2005/36/KE, jew b'mezzi oħra fil-każ ta' applikazzjoni bil-miktub skont l-Artikolu 8.

Artikolu 26

Aċċess għat-twissijiet fl-IMI

L-IMI jipprevedi l-possibbiltà li l-awtoritajiet kompetenti li jittrattaw it-twissijiet li jidħlu u li joħorġu jikkonsultaw kull twissija li bagħtu jew li rċevew fl-IMI u li għaliha l-proċeduri tal-għeluq imsemmija fl-Artikolu 28 ma jkunux twettqu.

Artikolu 27

Il-funzjonalitajiet tal-IMI għat-twissijiet

L-IMI tipprovdi l-funzjonalitajiet li ġejjin li għandhom jitwettqu mill-awtoritajiet kompetenti maħtura biex jittrattaw it-twissijiet li jidħlu u li joħorġu:

(a) jibagħtu t-twissijiet kif previst fl-Artikolu 56a(1), (2) u (3) tad-Direttiva 2005/36/KE;

(b) jirtiraw it-twissijiet mibgħuta abbażi ta' deċiżjoni li sussegwentement ġiet revokata jew annullata;

(c) jikkoreġu l-informazzjoni misjuba fit-twissijiet u jimmodifikaw it-twissijiet;

(d) jagħlqu u jikkanċellaw it-twissijiet kif previst fl-Artikolu 56a (5) u (7) tad-Direttiva 2005/36/KE.

Artikolu 28

L-għeluq, il-kanċellazzjoni u l-modifika tat-twissijiet

1. Id-dejta dwar it-twissijiet tista' tiġi pproċessata fl-IMI sakemm dawn jibqgħu validi, inkluża t-tlestija tal-proċedura tal-għeluq msemmija fl-Artikolu 56a(7) tad-Direttiva 2005/36/KE.

2. Meta t-twissija ma tkunx għadha valida minħabba li s-sanzjoni tkun skadiet fil-każijiet li ma jkunux koperti mill-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti li tkun bagħtet it-twissija kif previst fl-Artikolu 56a(1) tad-Direttiva 2005/36/KE tibdel il-kontenut tagħha jew twaqqaf it-twissija fi żmien tlett ijiem minn meta tiġi adottata d-deċiżjoni rilevanti, jew minn meta tasal l-informazzjoni rilevanti li l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni mhix meħtieġa skont il-liġi nazzjonali. L-awtoritajiet kompetenti li ttrattaw it-twissija li daħlet u l-professjonist ikkonċernat jiġu immedjatament infurmati dwar kull modifika li tirrigwarda t-twissija.

3. L-IMI tibgħat noti ta' tfakkira regolari lill-awtoritajiet kompetenti li ttrattaw it-twissija li ħarġet biex jivverifikaw jekk l-informazzjoni fit-twissija għadhiex valida.

▼B

4. F'każ ta' deċiżjoni ta' revoka, it-twissija tingħalaq minnufih mill-awtorità kompetenti li oriġinarjament tkun bagħtitha, u d-dejta personali titħasssar mill-IMI fi żmien tlett ijiem, kif previst fl-Artikolu 56a(7) tad-Direttiva 2005/36/KE.

5. F'każ ta' sanzjoni li tkun skadiet fid-data speċifikata fl-Artikolu 56a(5) tad-Direttiva 2005/36/KE, t-twissija tingħalaq awtomatikament mill-IMI u d-dejta personali titħassar mis-sistema fi żmien tlett ijiem kif previst fl-Artikolu 56a(7) tad-Direttiva 2005/36/KE.

KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 29

Dħul fis-seħħ u data tal-applikazzjoni

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa japplika mit-18 ta' Jannar 2016.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

Professjonijiet eliġibbli għall-KPE

1 Infermiera responsabbli mill-kura ġenerali;

2 Spiżjara (taħriġ bażiku);

3 Fiżjoterapisti;

4 Gwidi tal-muntanji;

5 Aġenti tal-proprjetà immobbli.

▼B

ANNESS II

Dokumenti meħtieġa għall-ħruġ ta' KPE

A. IR-RIKONOXXIMENT TAL-KWALIFIKI F'KAŻ TA' STABBILIMENT

1 **Ir-rikonoxximent awtomatiku (il-Kapitolu III tat-Titolu III tad-Direttiva 2005/36/KE)**

Id-dokumenti li ġejjin huma meħtieġa għall-ħruġ tal-KPE skont din il-proċedura:

(a) il-prova taċ-ċittadinanza tal-applikant (il-karta tal-identità jew il-passaport jew evidenza oħra aċċettata skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali tal-Istat Membru tad-domiċilju); u fejn il-prova taċ-ċittadinanza ma turix il-post tat-twelid, dokument li juri l-post tat-twelid tal-applikant; u għal ċittadini ta' pajjiżi mhux fiż-ŻEE, dokument li jipprova li ċittadin ta' pajjiż terz jista' jibbenefika mid-drittijiet stipulati fid-Direttiva 2005/36/KE skont liġijiet rilevanti tal-UE, eż. id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE ([2]), id-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE ([3]), jew id-Direttiva tal-Kunsill 2009/50/KE ([4]);

(b) prova tal-kwalifiki formali, u skont il-każ, ċertifikat li jakkumpanja l-prova tal-kwalifiki formali;

(c) wieħed miċ-ċertifikati li ġejjin skont il-professjoni u s-sitwazzjoni tal-applikant:

(i) iċ-ċertifikat ta' konformità msemmi fl-Anness VII.2 tad-Direttiva 2005/36/KE, meta l-prova tal-kwalifiki formali tissodisfa l-kundizzjonijiet tat-taħriġ meħtieġ;

(ii) iċ-ċertifikat tal-bidla tad-denominazzjoni msemmi fl-Artikolu 23(6) tad-Direttiva 2005/36/KE, meta t-titolu ta' kwalifika formali ma jikkorrispondix għat-titoli elenkati fil-punti 5.2.2 jew 5.6.2 tal-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE, iżda l-kwalifika tissodisfa l-kundizzjonijiet tat-taħriġ meħtieġ;

(iii) iċ-ċertifikat tad-drittijiet miksuba msemmi fl-Artikoli 23, 33 jew 33a tad-Direttiva 2005/36/KE li jistipula li d-detentur tal-kwalifiki kien effettivament u legalment ingaġġat fl-attivitajiet inkwistjoni għal mill-inqas il-perjodu minimu meħtieġ u li jistipula r-rekwiżiti speċifiċi ta' dawk l-Artikoli, meta t-taħriġ ikun beda qabel id-dati ta' referenza stabbiliti fil-punti 5.2.2 jew 5.6.2 tal-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE, u meta l-evidenza tal-kwalifiki formali ma tissodisfax il-kundizzjonijiet kollha tat-taħriġ meħtieġ;

(d) dokumenti meħtieġa skont il-punti 1(d) sa (g) tal-Anness VII tad-Direttiva 2005/36/KE.

([1]) Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE, (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77–123)

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiż terz li jkunu residenti għat-tul (ĠU L 16, 23.1.2004, p. 44–53)

([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE tad-29 ta' April 2004 dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU L 304, 30.9.2004, p. 12–23)

([4]) Id-Direttiva 2009/50/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' impjieg bi kwalifiki għoljin (ĠU L 155, 18.6.2009, p. 17–29)

▼B

2 **Sistema ġenerali għar-rikonoxximent (il-Kapitolu I tat-Titolu III tad-Direttiva 2005/36/KE)**

Id-dokumenti li ġejjin huma meħtieġa għall-ħruġ tal-KPE skont din il-proċedura:

(a) il-prova taċ-ċittadinanza u dokumenti oħra msemmija fil-punt 1(a);

(b) l-attestazzjoni tal-kompetenza professjonali jew il-prova tal-kwalifiki formali skont il-każ, u meta opportun prova skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2005/36/KE;

(c) id-dokumenti li jagħtu aktar informazzjoni dwar it-taħriġ rigward kemm damu b'kollox l-istudji, is-suġġetti studjati u f'liema proporzjon, u meta jkun il-każ, il-bilanċ bejn it-taħriġ teoretiku u l-parti prattika;

(d) id-dokumenti li ġejjin dwar il-kwalifiki li jistgħu jikkumpensaw għad-differenzi sostanzjali ta' bejn il-kwalifiki u jimmitigaw ir-riskju ta' miżuri ta' kumpens:

(i) id-dokumenti li fihom informazzjoni dwar l-iżvilupp professjonali kontinwu, seminars, forom oħra ta' taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja skont l-Artikolu 14(5);

(ii) kopja ta' kwalunkwe prova ta' esperjenza professjonali, li tidentifika b'mod ċar l-attività professjonali mwettqa mill-applikant;

(e) fejn ikun adegwat, prova tal-esperjenza professjonali msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2005/36/KE, dejjem jekk id-dokumenti jindikaw b'mod ċar l-attivitajiet professjonali kkonċernati;

(f) għall-migranti li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2005/36/KE, ċertifikat ta' esperjenza professjonali li jipprova li hemm tliet snin esperjenza professjonali, maħruġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li rrikonoxxa l-kwalifika ta' pajjiż terz skont l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2005/36/KE, jew, jekk l-awtorità kompetenti kkonċernata ma tkunx tista' tiċċertifika l-esperjenza professjonali tal-applikant, prova oħra ta' esperjenza professjonali li tidentifika b'mod ċar l-attivitajiet professjonali kkonċernati.

(g) dokumenti meħtieġa skont il-punti 1(d) sa (g) tal-Anness VII tad-Direttiva 2005/36/KE.

B. L-GĦOTI TEMPORANJU TA' SERVIZZI (Titolu II tad-Direttiva 2005/36/KE)

Id-dokumenti li ġejjin huma meħtieġa fil-każ tal-ewwel għoti ta' servizzi, jew jekk ikun hemm tibdil materjali fis-sitwazzjoni tal-applikant skont l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2005/36/KE:

(a) prova taċ-ċittadinanza u dokumenti oħra msemmija fil-punt 1(a) tal-Parti A;

(b) f'każijiet tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 6(2) ta' dan ir-Regolament, l-attestazzjoni dwar l-istabbiliment legali fl-Istat Membru tad-domiċilju msemmija fl-Artikolu 7(2)(b) tad-Direttiva 2005/36/KE;

(c) dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(2)(b) dwar id-dritt li persuna tipprattika professjoni u dokumenti oħra meħtieġa skont l-Artikolu 7(2)(c) sa (e) tad-Direttiva 2005/36/KE;

(d) meta l-Istat Membru ospitanti jwettaq verifika minn qabel dwar il-kwalifiki skont l-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2005/36/KE, id-dokumenti li jagħtu aktar informazzjoni dwar it-taħriġ imsemmi fil-punti 2(c) u (d) tal-Parti A ta' dan l-Anness.